MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2011

Appell Kriminali Numru. 246/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Buhagiar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant (ID 597762) (M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-13 ta' Jannar, 2010 għall-ħabta ta' 10.30 hrs fir-residenza tiegħu Holy Trinity, Triq il-Bwar, Għaxaq, ikkaġuna lil Mary Grace Buhagiar biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti aħwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' Mejju, 2010, li biha, wara li rat l-artikolu 383(1) u 251(B)(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant ħati u għaldaqstant

illiberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat iehor fi żmien sitt (6) xhur ai termini  tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fil-31 ta’ Mejju, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitu ħati ta’ l-akkuża dedotta kontrih u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat iehor fi żmien sitt (6) xhur u konsegwentement tilliberah minn kull piena w ħtija skond il-liġi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament hażin tal-fatti u interpretazzjoni ħażina tal-liġi.

Illi l-artikolu kif indikat fl-akkuza, ossia l-artikolu 222(1) tal-Kap. 9 huwa skorrett u per konsegwenza l-appellant qatt ma seta jinstab ħati taħt l-artikolu 222(1) tal-Kap. 9.  Illi f’dan ir-rigward, stante li l-artikolu tal-ligi kif citat fl-akkuza ma jirriflettix l-akkuża per se, l-appellant għandu jigi liberat mill-akkuża miġjuba kontrih;

Illi mingħajr preġudizzju ghall-ewwel aggravju, dak in-nhar tat-13 ta’ Jannar, 2010 għall-ħabta ta’ l-10.30 a.m. ma seħħ l-ebda inċident bejn il-konjuġi Buhagiar.

Illi d-diżgwid li nqala’ bejn il-partijiet kien fir-rigward tal-fatt li l-appellant kien ġja ipprepara l-ikel għat-tfal u wara li l-ikel kien lest, Mary Grace Buhagiar kienet ser tibda tipprepara l-ikel ghat-tfal wara li kienet ġiet lura d-dar għal ftit tal-ħin.  Illi kien hawnhekk li l-appellant kien informa lil martu li l-ikel kien ġja lest u ma setax joqghod jistenna lil martu jara jekk ser tigi d-dar issajjar lit-tfal u per konsegwenza kien sajjar hu stess u f’dan il-ħin kien rema l-ikel li kienet laħqet sajret.

Illi dak il-ħin Mary Grace Buhagiar sabet is-sodda fejn kienet torqod (f'kamra separata) imxarrba bl-ilma.

Illi l-appellant jissottometti illi sabiex l-akkuza migjuba kontrih tissussisti, jrid ikun hemm it-test oggettiv. Illi minn dak li jirrizulta w mill-provi li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant ma seta' qatt jinstab ħati għaliex oggettivament ma kienx hemm l-elementi kollha tar-reat taht l-artikolu 251(1) tal-Kap. 9.

Illi dak li għamel l-appellant, ossia li rema l-ikel u xarrab is-sodda ta' martu bl-ilma, kif del resto ddikjara mal-Pulizija w kif dikjarat minnhom stess fl-affidavits tagħhom, ċertament ma jistgħux jissejħu bħala inċident.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, sabiex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251 tal-Kap. 9 irid ikun hemm "a course of conduct" kif enunċjat fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija . vs Massimo Tivisini" deċiża fis-27 ta' Frar, 2009 u "Il-Pulizija vs Raymond Parnis" deciża fit-18 ta' Gunju 2009.

Illi dak li verament sehh bejn il-konjugi Buhagiar huwa xejn hlief dizgwid bejn koppja li tkun ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni u bl-ebda imaginazzjoni, dak li sehh nhar it-13 ta' Jannar, 2010 jista' qatt jaqa' taht l-artikolu 251 tal-Kap. 9.
Illi l-kondotta ta' l-appellant hija wahda nadifa w ma kien hemm l-ebda element ta' ripetizzjoni u persistenza.

Illi l-appellant jissottometti illi l-użu da parti tal-Pulizija ta' l-artikolu 251 tal-Kap. 9 qieghed f'ċerti każijiet jintuża ħażin bhala "blanket provision" u din l-akkuża qegħda tingħata f'kull każ meta jkun hemm diżgwid bejn il-partijiet.

Ikkonsidrat

Li l-appellant irtira l-ewwel aggravju tiegħu (a fol 12) waqt it-trattazzjoni tal-appell.(fol16) Għaldaqstant il-Qorti mhix ser tieħu konjizzjoni tiegħu.

Li fl-istess verbal tat-8 ta' Novembru 2010, il-Prosekuzzjoni u d-difiża ddikjaraw li jqablu li l-fatti huma dawk deskritti mid-difiża fir-rikors tal-appell.

Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali rat l-artikoli 383(1) u 251B(1) tal-Kap 9 meta sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni. L-artikolu 251B tal-Kap 9 jirreferi għal sitwazzjonijiet fejn hemm 'a course of conduct (which) causes another to fear that violence will be used against him'. It-test Malti huwa dan:

*'251B. (1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor*
*jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu*
*jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti,*
*dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu*
*222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha*
*tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk*
*jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet……'*

Mill-fatti li dwarhom qablu l-Prosekuzzjoni u d-difiża jirriżulta li l-appellant rema l-ikel u xarrab is-sodda ta' martu bl-ilma. L-appellant ammetta li kien rema r-ross li kienet qed tipprepara l-mara tiegħu (ara affidavit a fol 3) kif ukoll li kien xarrab is-sodda. Huwa ċaħad li kien ser ibiddel is-serratura tal-bieb ta' barra tar-residenza tad-dar jew li qal lil martu biex tieħu ħwejjiġha u titlaq.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett dwar il-punt tad-dritt. L-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali juża l-kelma 'imġiba' fit-test Malti u 'course of conduct' fit-test Ingliż. Aktar 'l isfel fl-istess artikolu nsibu l-kliem ' tkun taf li l-imġiba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk **l-okkażjonijiet'**.

F’din it-tieni parti l-leġislatur juża l-plural (okkażjonijiet) – kelma li tindika xi forma ta’ repitizzjoni.  Filfatt l-appellant irrefera għal żewġ deżijonijiet li l-Qorti eżaminat u li kienu aktar dwar ‘harassment’ jew fastidju.  Is-sottomissjoni tal-appellant li m’hemmx provi ta’ ripetizzjoni hija għalhekk ġustifikata.

Dwar l-analiżi tal-fatt, fil-fehma tal-Qorti, ir-rimi tal-ikel u t-tixrib tas-sodda  bl-ilma fihom infushom ma jinkwadrawx taħt l-artikolu 251B(1) tal-Kap 9.

Għalhekk il-Qorti qed tilqa’ l-appell u qed tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fid-19 ta’ Mejju 2010 fl-ismijiet premessi fejn l-imputat instab ħati u kien illiberat b’kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat fi żmien sitt xhur u minflok qed tilliberah minn kull imputazzjoni u minn kull ħtija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------